# Id-Dar Tal-Kantuniera

Kitba ta' Louis Vassallo



## Villa Amadeo jew l-Għassa l-Qadima



*Il-lavur fil-ġebla Maltija u d-disinn fl-injam u l-ħadid huma dawk il-gawhar frott is-snajja' ta' missirijietna li qegħdin iżejnu lid-djar antiki ta' l-bliet u l-irħula.*

Dawra fil-qalba tar-raħal qadim tal-Mosta, malajr nintebħu liema huma dawk id-djar antiki li bl-arkitettura tagħhom qiegħdin isebbħu t-toroq, l-imsieraħ u l-isqaqien. Id-dettalji fix-xogħol tal-ġebla, tal-ħadid jew ta' l-injam żgur li fihom daqqa t'għajn tajba għal min għadu jgħożż is-snajja' ta' missirijietna. Bla ma trid, jimpressjonak ix-xogħol tassew fin li bih huma maħduma l-ħadid tal-gallariji u d-disinji tal-loġġijiet. Triq il-Kungress Ewkaristiku tiġbidlek l-attenzjoni għall-għadd numeruż ta' gallariji ta' l-injam li jinsabu fiż-żewġ naħat tagħha. F'din it-triq ewlenija Mostija nsibu xejn inqas minn 72 gallerija. Oħrajn jinsabu mferrxin fl-aktar postijiet qodma tal-Mosta fejn it-turist mitluf iserrep fit-triqat dojoq, jitgħaxxaq bil-bini baxx qisu tal-ħrejjef. U xi ngħidu għan-niċeċ li naraw fil-faċċata ta' dawn id-djar? Fil-Mosta n-niċeċ ma jonqsux. Bosta minnhom huma antiki ferm, waqt li oħrajn mhumiex daqstant qodma. Fuq kollox niltaqgħu ma' żewġ niċeċ li huma uniċi fil-gżejjer tagħna. Dawn huma ta' San Anġeliku martri Karmelitan u ta' Santa Barbara. Wieħed ta' min josserva n-numru ta' djar antiki li qiegħdin jingħataw isem u b'hekk tinħoloq ċertu identità għal kull waħda minnhom.

### Patrimonju arkitettoniku

Ikun tajjeb li nsemmu x'fadlilna mill-imgħoddi biex inkunu f'qagħda li napprezzaw aħjar dan il-patrimonju arkitettoniku u estetiku li dawn id-djar partikolari joffrulna. Bla dubju ta' xejn it-torri Cumbo jisraq ix-xena. Dan it-torri li għandu ismu marbut mal-famuża "Għarusa tal-Mosta", imur lura sa' l-1524. Palazz li jgawdi ċertu fama hu dak magħruf bħala "Ta' Kaspru" u li skond id-data li tidher fuq il-bieb, turina li dan inbena fl-1621. X'aktarx li dan il-palazz inbena minn xi għani Malti li għażel veduta mill-isbaħ u bil-għaqal biex jibni daru. Fi triq il-Paroċċa niltaqgħu ma' dar li fl-imgħoddi kienet serviet bħala Kunvent għas-Sorijiet Agostinjani, meta dawn iddeċidew li jiġu l-Mosta fl-1929. Jingħad li f'din id-dar kien mar jgħix il-Kurat Dun Felic Calleja (1748 - 1833). Jissemmew bi prominenza żewġ villel kbar u sbieħ. Villa Gollcher u Villa Grech-Mifsud huma magħrufa għall-ġonna tagħhom u għall-għamajjar u kwadri ta' preġju. Fi triq il-Kungress Ewkaristiku tispikka l-Villa Dimech. Din il-Villa kienet inbniet mill-Kavallier Carmelo Dimech, wieħed mill-benefatturi l-kbar tar-Rotunda. Il-gallarija ta' l-injam tassew maestuża u oriġinali li kien ordna s-Sur Dimech biex isebbaħ il-faċċata ta' daru, hija ġawhra fiha nfisha. Għalkemm l-irziezet huma mneżżgħin mill-grandjożità tal-palazzi u l-vilel, huma ta' valur kulturali kbir. Ir-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone għalkemm sempliċi fid-dehra, jurina kif din l-arkitettura rurali Maltija għandha tibqa' tinżamm regolarment għall-benefiċċju tal-Komunità.



*Il-gallarija ta' l-injam hi karatteristika ta' art twelidna. Dari bosta mastrudaxxi kienu jaħdmu biss il-gallariji ta' l-injam u dan minħabba d-domanda kbira li kien ikollhom.*

### Ġibditli l-attenzjoni

Wara li tajna ħarsa ħafifa lejn xi għamajjar Mostin li jqanqlu fina x-xewqa biex inkunu nafu aktar dwar il-passat ta' l-oriġini tagħhom, xtaqt li f'din kitbieti nagħti ħjiel fuq Villa Amadeo jew kif inhi popolarment magħrufa bħala "L-Għassa l-Qadima". Din il-Villa tassew kbira u sabiħa li tinsab f'kantuniera bejn Triq it-Torri u Triq il-Kungress Ewkaristiku, sa minn tfuliti dejjem ġibditli l-attenzjoni biex nitkixxef dwar dak kollu li jsawwar l-



*Il-faċċata eleganti ta' Villa Amadeo jew "l-Għassa l-Qadima"*

istorja tagħha. Fuq kollox l-ilwien tassew vivaċi u strambi li minn żmien għall-ieħor jiġi miżbugħa ż-żewġ faċċati tagħha, komplew iqanqlu fija nteress liema bħalu. Bis-saħħa ta' tagħrif utli li rnexxieli niġbor minn diversi sorsi, stajt ngħaqqad għadd ta' fatti u kurżitajiet li marbutin flimkien, jagħtuna ħjiel dwar din il-binja arkitettonika li ħaslet waqgħet taħt l-għarbiel għarriexi tagħna.



*Il-gallarija twila tal-ħadid li tiddomina l-faċċata ta' din il-Villa minn naħa ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku.*

**Influwenza Taljana**

Mill-isem ta' din il-Villa, mill-ewwel itina x'nifmhu li hemm influwenza Taljana mdaħħla fih. U hekk hu tabilħaqq. Filfatt din il-Villa kienet inbniet mis-Sur Riccardo Amadeo fl-1899. Is-Sur Amadeo kien minn Sqallija. Dan l-Isqalli kien ġie Malta u għażel lill-Mosta biex fiha jwaqqaf in-negozju tiegħu, dak ta' l-inbid. Mal-villa li kien bena, ħaseb li jibni wkoll maħżen kbir biżżejjed biex fih jistiva l-ħażna ta' krietel jew btieti ta' l-injam flimkien ma għadd numeruż ta' flixken ta' l-inbid ta' diversi kwalitajiet u togħomiet differenti. Dan il-maħżen ta' l-inbid kien jinsab fi Triq il-Kungress Ewkaristiku u li f'dawk iż-żminijiet kienet magħrufa bħala "Via Nuova Valletta". Din it-triq ewlenija fil-Mosta li tiġi bi dritt ir-Rotunda, kienet infetħet fl-1854. Għalhekk bi ftit kalkulazzjoni nistgħu ngħidu li Villa Amadeo ġiet mibnija 45 sena wara li ġiet miftuħa din it-triq partikolari. Biswit id-dar tas-Sur Riccardo Amadeo kien hemm għalqa tassew kbira u li kienet propjetà tiegħu wkoll. F'din l-għalqa ir-riġmenti tas-suldati Ingliżi kienu jagħmlu d-drill.

**L-Oratorju**

Ta' min isemmi li fuq parti ta' din l-għalqa kien inbena l-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesù fi żmien l-Arċipriet Dun Pawl Mallia (1872 - 1946). Dan l-Arċipriet li wara l-parrokat tiegħu fil-Mosta kien ġie maħtur Monsinjur tal-Katidral, kien waqqaf kumitat ta' qassisin u sekulari biex bil-pariri u s-suġġerimenti tagħhom jieħdu ħsieb biex jitwaqqaf dan l-Oratorju. Dan il-Kumitat beda jaħdem u jħabbrek u bil-għajnuna finanzjarja ta' bosta benefatturi kienet inxtrat biċċa art bl-irħis mingħand is-Sur Amadeo. Nhar il-11 ta' Novembru 1928 kienet saret iċ-ċerimonja li fiha tqegħdet l-ewwel ġebla ta' dan l-Oratorju tat-tfal u ż-żgħażagħ.

**Każin tal-banda**

Jidher li s-Sur Riccardo Amadeo kien sar midħla sew tal-ħajja soċjali tal-Mostin. Għal xi snin, hu kien membru fil-Kumitat tal-każin tal-Banda Nicolò Isouard ta' l-istess raħal. Skond ritratt tal-Kumitat li kien ittieħed x'aktarx fl-1911, is-Sur Amadeo jidher bħala l-ewwel persuna bil-qiegħda fil-filliera ta' quddiem minn naħa tal-lemin. Dan ir-ritratt kien ittieħed fil-bitħa ta' Villa Grech-Mifsud, li tiġi biswit il-każin tal-Banda Nicolò Isouard. Fl-istess Każin, illum għadna nistgħu nammiraw bandalora antika li kienet ġiet irregalat lil din is-Soċjetà Filarmonika mis-Sur Amadeo innifsu fl-1906 u li hi miżmuma b'għożża ġewwa vetrina għall-ammirazzjoni ta' min ifettillu jifliha. Fin-naħa t'isfel ta' din il-bandalora nsibu skrizzjoni rrakkmata fuq l-inforra biex tibqa' tfakkar għal dejjem lil dan il-benefattur barrani. L-iskrizzjoni tgħid hekk "Dono del Sig. R. Amadeo 1906". Il-preżentazzjoni ta' din il-bandalora rikka rrakkmata bi ħjut tad-deheb, saret fil-parapett tal-Villa tiegħu waqt li l-Banda Nicolò Isouard kienet nieżla lejn il-pjazza ddoqq il-marċi brijjużi f'xi waħda mill-ġranet tal-festa ta' Santa Marija tas-sena msemmija.

**Safa armel**

Meta kien għadu fl-aqwa tiegħu, is-Sur Amadeo safa armel. Hu ddeċieda li jerġa' jiżżewweġ u din id-darba ħa lix-xebba Ludgarda Debono biex tkun martu. Din Ludgarda kienet tiġi oħt l-Avukat Pasquale Debono. Fl-1908, dan l-avukat ferm maħbub mill-Mostin kien jokkupa l-Kariga ta' President fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard. Minn dan iż-żwieġ, is-Sur Amadeo kellu żewġt itfal.

**Inġabar bil-lieva**

Fl-1886, l-Italja kienet daħħlet fi gwerra fl-Afrika ta' fuq biex tipprova tirbaħ lill-pajjiż ta' l-Abbissinja. F'dawk iż-żminijiet dan il-pajjiż Afrikan kien fqir, maħmug, fewdali u antikwat. Ir-renju ta' l-Abissinja u r-Repubblika tal-Liberja kienu l-uniċi pajjiżi Afrikani li ma kinux waqgħu taħt l-Ewropej, partikolarment f'idejn l-Ingliżi u l-Franċiżi. It-Taljani twebblu li jattakkaw l-Abissinja, imma l-Abissini

taħt il-Kmad ta' l-Imperatur tagħhom Menelik, rebħulhom f'Adwa. Fl-1891 , Addis Abeda li tfisser "il-warda ġdida", saret il-Belt Kapitali ta' dan il-pajjiż. Din il-gwerra damet tkarkar sa l-1896.

Minħabba li s-Sur Amadeo kien cittadin Taljan, gie msejjaħ biex imur jiġġieled f'din il-gwerra għax kien inġabar bil-



*Ir-rixtellu w ż-żewġ panewijiet tal-ħadid li jinsabu man-naħa ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku, huma biċċa xogħol li jimpressjonawk b'dawk id-disinji qishom tal-bizilla.*



lieva. Iżda hu rrifjuta li jobdi din l-ordni u konsegwenza ta' dan il-pass, ma setax jirritorna aktar lejn Sqallija. Is-Sur Amadeo baqa' jgħix f'pajjiżna sa' ma għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar it-18 ta' Lulju, 1948. Hu miet fir-raħal ta' Ħal Lija fil-għomor ta' 82 sena. Imma l-funeral sarlu l-Mosta u ġie midfun fil-kannierja ta' taħt ir-Rotunda.

## Eleganti

Iż-żewg faċċati ta' Villa Amadeo għandhom xeħta ta' arkittettura neo-klassika u msebbħin b'diversi partikolaritajiet li jolqtu l-għajn. Wieħed għandu jitgħaxxaq meta jifli x-xogħol ta' l-iskultura u ta' l-artiġjanat li fiha. L-entratura ewlenija ta' din id-dar tinsab fi Triq it-Torri. Fuq il-bieb principali naraw gallarija ta' l-injam tassew eleganti u fil-quċċata tagħha tispikka arkata li tkompli tatija identita. Fuq ix-xaqliba l-oħra, in-naħa ta' Triq il-Kungress, bla dubju ta' xejn jiġbdu l-attenzjoni ż-żewġ speċi ta' panewijiet kbar tal-ħadid, wieħed fuq kull naħa tar-rixtellu. Id-disinn tassew ikkumplikat li jsawwar dan ix-xogħol tal-ħadid hu meravilja fih innifsu. Il-ħaddied li ħadem dan ix-xogħol, żgur li kien mgħallem prim biex seta' jifforma dawk id-disinji qishom tal-bizilla b'dik l-eżattezza kollha u b'sengħa ta' l-għaġeb!.

## 'It-Triq il-Ġdida'

Sa snin wara t-Tieni Gwerra, Triq il-Kungress Ewkaristiku kienet meqjusa bħala l-aktar triq principali li kien hawn fil-Mosta. Mal-Mostin għadha magħrufa bhala "it-Triq il-ġdida". Din il-frazi tmur lura sal-1854 meta din it-triq giet inawgurata. Fuq iż-żewgt naħat tagħha kienu joqgħodu fi djar tassew kbar u sbieħ, għadd ta' persuni ta' l-"alte classe", numru ta' qassisin u negozjanti. Hawnhekk kienu jinsabu l-maġġoranza tal-ftit ħwienet li kien hemm fir-raħal. Kont issib bosta ħwienet tal-kafe' u ta' l-inbid fejn l-irgiel wara ġurnata xogħol kienu jiltaqgħu flimkien. U fost dawn il-ħwienet tax-xorb ta' min isemmi "il-billiard" u li kien bieb ma' bieb ma' Villa Amadeo. X'aktarx li dan



*L-arma tal-ġebel bi skultura mill-isbaħ, tinsab tinkurruna l-quċċata tal-faċċata minn naħa ta' Triq il-Kungress Ewkarisitiku. L-irjieħ u d-dbaben tal-karozzi jidħru li għamlu ħafna ħsara l-aktar fiż-żewġt iljuni tal-ġnub tagħha.*

il-ħanut ferm popolari maż-żagħżagħ ta' dak iż-żmien, kien l-istess flok fejn is-Sur Amadeo kellu l-maħzen ta' l-inbid! Sa mill-imgħoddi din it-triq kienet imsemmija għall-purċissjonijiet importanti li jgħaddu minnha matul is-sena. Ta' poplu Mediterranju li aħna, sa minn dari, il-galleriji li jinsabu f'din it-triq waħda fejn l-oħra, jesprimu l-emozzjonijiet varji li hemm fil-qlub tal-Mostin. Għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa, dawn il-galleriji jiġu mżejnin bi drapp iswed jew vjola u li fuqu jitpoġġew diversi xbihat tad-Duluri u bosta slaleb ta' kull daqs. U xi ngħidu għall-jiem tal-festa ta' Santa Marija. Il-Galleriji jsiru l-mekka tat-tfal u ta' diversi persuni speċjali li jiġu mistiedna mis-sidien tad-djar, biex jaraw u jgawdu l-banda għaddejja minn taħthom. Mhux ta' b'xejn li n-negozzju.u l-ħajja ta' dari kien mixħut u kkonċntrat f'din it-triq hekk attiva' fil-Mosta!

Tarġa u tgħid sa ftit aktar minn nofs is-snin sittin tas-seklu l-ieħor, Villa Amadeo kienet tintuza bħala l-Għassa tal-Pulizija flimkien mal-berga. Filfatt in-naħa ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku kienet isservi bħala Għassa tal-Pulizija, waqt li fuq ix-xaqliba ta' Triq it-Torri, kellha l-entratura għall-berġa. Meta l-Mostin kienu jgħidu li sejrin sal-berġa, kien ikun ifisser li kellhom bżonn jaqbżu qabża

sal-klinika tal-Gvern. Illum din nafuha bħala l-poliklinika. Minn jaf kemm nies l-aktar dawk b'paga minima, rifsu l-għetiebi ta' Villa Amadeo biex jaraw it-tabib ħalli jikkurhom għal xi aċċident li jkunu ġarrbu jew biex jieħdu xi titqiba kontra xi marda partikulari. Jissemmew minn ta' l-inqas tlett tobba li kienu jservu f'din il-berġa. Kien jieħu ħsiebha t-tabib Briffa waqt li Dr. Ruzar Mizzi (1) li kien ukoll membru Parlamentari kien joffri s-servizzi mediċi liċ-ċittadin. Iżda l-aktar tabib li baqa' jissemma, hu l-Mosti Ferdinand Calleja (2) li kien igawdi popolarita' kbira mill-Mostin kollha. Meta l-progress beda jersaq bil-mod il-mod lejn dan ir-raħal u l-karozzi bdew jiżdiedu fit-toroq tal-Mosta, mhux l-ewwel darba li kien jintlemaħ xi pulizija liebes l-uniformi tal-kaki, ħiereġ mill-Għassa u jerħila lejn il-pjazza biex jidderieġi t-traffiku.



*L-Isqalli s-Sur Riccardo Amadeo kien għażel propju l-Mosta biex jiftaħ in-negozju ta' l-inbid, jibni villa kbira u sabiħa biex jgħix fiha, jintegra ruħu fl-attivitajiet soċjali tar-raħal u fuq kollox ried li war mewtu jiġi midfun fil-kannierja ta' taħt ir-Rotunda.*

## Ċentru Ċiviku

Nhar is-16 ta' Marzu,1966 ġie inawgurat iċ-Ċentru Ċirku fil-Pjazza tal-Mosta. B'hekk Triq il-Kungress Ewkaristiku bdiet titlef mill-importanza tagħha. L-għassa tal-Pulizija u l-berġa li kienu alloġġati f'Villa Amadeo flimkien ma' l-Uffiċju tal-Posta u l-Bank tal-Gvern niżlu jaqdu l-klijenti tagħhom f'dan iċ-ċentru, li kien l-ewwel wieħed tax-xeħta tiegħu li nbena f'Malta. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Mostin bdew jirreferu għal Villa Amadeo bħala "l-Għassa l-Qadima". Għal xi żmien sa l-1979, din id-dar serviet ukoll bħala ambaxxata ta' l-Oman.

## Tfakkarna

Iż-żmien gerrbeb u ħarab u ġera kemm ried hu. U wara 106 snin, din id-dar kbira fil-qalba ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku għadha wieqfa sal-lum. Għadha magħna biex tfakkarna, aħna l-ulied tal-progress u l-informatika dwar il-Mosta ta' darba waħda. Dwar il-Mosta ta' dari, fejn l-għelieqi kont tilmaħhom anki fit-toroq ewlenin. Fejn il-merħliet bil-mogħoż u l-karettuni biż-żwiemel u l-ħmir, kienu jgħaddu jpassu bla għaġla ta' xejn. Fejn il-minutieri ta' l-arloġġ tal-knisja bħal donnhom jieħdu pass lura. Fejn it-tifkiriet jiżżefnu ħelu ħelu mal-fewġa friska tat-tokki ta' l-Ave Marija. Fejn il-Mosti kien għadu jemmen b'qalbu kollha li "it-Tama tgħajjex il-bidwi". Meta Wied il-Għasel kien għadu xempju ta' ġmiel il-ħolqien! Fuq kollox, Villa Amadeo tfakkarna b'mod nostralġiku meta l-mogħoż kienu jiġu marbuta mal-ħadid tal-parapett tagħha! Waqt li r-raħħal erħilu jiġri minn bieb għall-ieħor biex jaqdi lill-klijenti tiegħu b'daqsxejn ħalib sħun maħlub minn sider il-mogħża. Dak kien żmien li għadda u mar biex qatt aktar ma jerga' jigi 'l hawn!

## Tmiem

*Referenzi:*


1. E. B. Vella u Oħrajn. STORJA TAL-MOSTA *(Empire Press 1972/Hajja Press 1986) Paġni 254, 370, 371, 540,542, 543, 547 u 597.*

2. Tony Terribile. NIĊEĊ U STATWI FIL-GŻEJJER MALTIN *(PIN 2000) Pagna 141.*

3. Herbert Ganado. RAJT MALTA TINBIDEL *(VOL. 2) (Interprint Ltd 1977) Pagna 53.*

4. Alfie Gullamier. BLIET U RĦULA MALTIN *(Lux Press 1972) Paġni 265, 266, 277 u 278.*

5. Joseph Borg u John A. Sant. IT-TOROQ TAL-MOSTA *(Kunsill Lokali – 1998) Paġna 18.*

6. Manuel D. Schembri – *Editur MUSTENSIA (VOL. 1) "L-istorja mir-ritratti" kitba ta' Saviour Dimech paġni 8, 9, 14, 17 u 18.*

7. FILARMONIKA SANTA MARIJA, *annwal 1999,* "INTIETEF MOSTIN" *Kitba ta' J. J. Camilleri Paġna 20.*

8. FILARMONIKA SANTA MARIJA, *annwal 2003 "Jien rajt il-Mosta tinbidel" kitba ta' Giovanni De Martino Paġni 49, 50, 51 u 52.*

9. IL-MUMENT, *Il-Hadd 29 ta' Diċembru, 2002 Paġna 22. "Il-Billiard" Kitba ta' Giovanni De Martino.*

10. SOĊJETÀ FILARMONIKA NICOLÒ ISOUARD – *Mosta, annwal 2004 "Siltiet minn Tfuliti" Kitba ta' Maria Vella Paġna 254.*


Footnotes:

1. Dr. Ruzar Mizzi kien midħla sew tal-Mostin peress li kien ilu jagħmilha ta' Tabib Distrettwali fil-Mosta. Barra l-interess personali fl-edukazzjoni tal-poplu u fil-ħidma soċjali tal-Mostin, Dr. Mizzi kien iħobb ħafna l-mużika. Hu kien ġie maħtur President tas-Soċjetà Nicolò Isouard fl-1924.

2. Dr. Ferdinando Calleja kien inħatar President tal-Banda Nicolò Isouard wara li Dr. Mizzi kien ħalla din il-kariga fl-1932. It-tabib Calleja kien ilu sa minn snin qabel il-ħatra tiegħu bħala President, jinteressa ruħu f'din is-Soċjetà Mużikali li tagħha kien minn dejjem ammiratur u benifattur. Dam jaqdi l-kariga ta' President sa l-1957.

N.B. Ir-ritratti kollha huma meħudin minn Louis Vassallo, barra dak tas-Sur Riccardo Amadeo li hu propjeta' tas-Socjeta' Filarmonika Nicolo' Isouard.